# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 11 ta' Jannar 2022**

## Talba numru 293/2019SFJ

**GASANMAMO INSURANCE LIMITED (C3143) KIF SURROGATA FID-DRITTIJIET TAL-ASSIGURAT TAGĦHA ALAMANGO BRIDAL LIMITED SKONT IL-LIĠI U SKONT IL-POLZA TAL-ASSIGURAZZJONI (*CLAIM NUMBER* N18001278)**

**VS.**

**GRACE AZZOPARDI (77802L)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-8 ta' Ottubru 2019 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew u talbu:

> "*Illi s-soċjetà attriċi kkumpensat lill-assigurata tagħha Alamango Bridal Limited is-somma ta' tlett elef u tlett mija u ħmistax-il Ewro u ċenteżmu (€3,315.01) rappreżentanti ħsarat sofferti mill-assigurata in segwitu għal ingress ta' ilma fil-ħanut tagħha li għandu l-indirizz 95, Triq Manoel de Vilhena, Gżira, in segwitu għal xogħlijiet magħmula mill-konvenuta fil-fond sovrastanti li jġib l-indirizz 97, "Walters", Triq Manoel de Vilhena, Gżira, liema ħsarat seħħew fl-14 ta' Frar 2018;*
>
> *Illi sussegwentement is-soċjetà attriċi ġiet surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Alamango Bridal Limited;*
>
> *Illi għalhekk is-soċjetà attriċi titlob li l-konvenuta tiġi ddikjarata responsabbli għall-ħsarat sofferti mill-assigurata tagħha u tiġi kkundannata tħallas lis-soċjetà attriċi d-danni reklamati fl-avviż;*
>
> *Għaldaqstant, is-soċjetà attriċi titlob li dan it-Tribunal jogħġbu jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlett elef u tlett mija u ħmistax-il Ewro u ċenteżmu (€3,315.01) għar-raġunijiet fuq premessi.*
>
> *Bl-ispejjeż u bl-interessi mid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors kontra l-intimata li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni.*"

Ra li l-proċedura tan-notifika tal-konvenuta permezz tal-affissjoni saret fit-13 ta' Ottubru 2020 (skont ir-riferti a fol. 22) u li l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern saret fl-20 ta' Ottubru 2020 (fol. 23).

Ra r-Risposta tal-konvenuta ppreżentata fit-22 ta' Ottubru 2020 li permezz tagħha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

> "*1. Illi preliminarjament, l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tas-soċjetà attriċi huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà u dan stante li l-esponenti ma kkawżat ebda danni fil-fond proprjetà tas-soċjetà Alamango Bridal Limited fi Frar tas-sena 2018.*
>
> *3. Illi għalhekk, l-esponenti ma tistax tinstab responabbli għal xi danni kif qed tallega s-soċjetà attriċi.*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-quantum tad-danni qiegħed jiġi kkontestat.*

*5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi bil-Liġi jekk ikun il-każ.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi li hija minn issa inġunta sabiex rappreżentant tagħha jidher personalment għas-subizzjoni.*"

Ra li r-raba' eċċezzjoni ġiet irtirata, skont kif iddikjarat fil-verbal tal-5 ta' Ottubru 2021 (fol. 112) u skont in-nota li tinsab a fol. 113.

Ra d-dokumentazzjoni ppreżentata, sema' ix-xhieda, sema' it-trattazzjonijiet relattivi u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-11 ta' Jannar 2022.

**<u>Provi mressqa</u>**

Xehdet Naomi Portelli, *claims adjuster* fi ħdan GasanMamo Insurance Limited, permezz ta' affidavit. Relattivament għall-każ, hija xehdet li fl-14 ta' Frar 2018, is-soċjetà assiguratriċi ġiet infurmata mill-*broker*, Thomas Smith Insurance Brokers Limited, li s-soċjetà Alamango Bridal Limited kien qed jidħlilha l-ilma fil-ħanut tagħha fl-indirizz 95, Triq Manoel de Vilhena, il-Gżira. Qalet li billi f'April 2017 kien seħħ inċident identiku li fih tqabbdet *loss adjuster* indipendenti, jiġifieri Odette Farrugia, sabiex tieħu ħsieb il-proċess tal-*claim*, f'din l-okkażjoni reġgħet tqabbdet l-istess persuna sabiex tikkonstata l-fatti.

Portelli qalet li Farrugia bagħtitilha diversi *updates* u għarrfitha li l-ilma li daħal fil-ħanut tas-soċjetà assigurata (Alamango Bridal Limited) kien joriġina mill-fond sovrastanti, jiġifieri l-fond appartenenti lill-konvenuta. Deher li fil-fond sovrastanti kienu qed isiru xi xogħlijiet bir-riżultat li kien hemm *leak* tal-ilma, liema ilma spiċċa fil-ħanut ġestit minn Alamango Bridal Limited. Portelli qalet li Farrugia lestiet xogħolha u bagħtitilha l-*workings* tal-*loss adjustment*. Imbagħad, Portelli bagħtet l-istess lil Thomas Smith Insurance Brokers Limited sabiex huma jkellmu lis-soċjetà assigurata.

Portelli xehdet li taħt il-*claim* tal-14 ta' Frar 2018, GasanMamo Insurance Limited offriet lil Alamango Bridal Limited is-somma ta' tlett elef u tlett mija u ħmistax-il Ewro u ċenteżmu (€3,315.01), liema somma ġiet aċċettata mis-soċjetà assigurata.

Philip Alamango, direttur ta' Alamango Bridal Limited, xehed permezz ta' affidavit. Huwa qal li rriżulta li l-ilma kien nieżel mill-fond sovrastanti, jiġifieri l-fond fl-indirizz 97, "Walters", Triq Manoel De Vilhena, il-Gżira, liema fond jappartjeni illl-konvenuta. Huwa spjega li x-xogħlijiet fil-fond imsemmi kienu ilhom għaddejjin għal tul ta' żmien u dan kien it-tieni inċident ta' dħul ta' ilma mill-fond tal-konvenuta għall-ħanut.

Odette Farrugia, is-*surveyor*, ukoll xehdet permezz ta' affidavit. Hija qalet li kienet ġiet inkarigata minn GasanMamo Insurance Limited sabiex tagħmel eżerċizzju ta' *surveying* u *loss adjusting* u hija marret fuq il-post fl-20 ta' Frar 2018. Qalet li fil-ħanut tas-soċjetà assigurata, ixxarrbu tlieta u tletin (33) romblu ta' drapp. Imbagħad hija telgħet fil-fond ta' fuq il-ħanut, jiġifieri l-fond fl-indirizz 97, "Walters", Triq Manoel De Vilhena, il-Gżira. Meta telgħet, iltaqgħet ma' Grace Azzopardi, li nfurmatha li x-xogħlijiet kienu qed isiru minn binha, Mark Azzopardi. Dak il-ħin stess, Farrugia ċemplet lil Mark Azzopardi u dan qalilha li meta ċemplulu biex jagħlaq l-ilma, huwa sab li l-ilma kien ħiereġ minn pajp li jinsab fi trinka mikxufa fil-ħajt tal-ewwel sular fil-fond. Dan kien mal-istess ħajt li miegħu niżel l-ilma fil-fond tas-soċjetà assigurata. Farrugia qalet li Mark Azzopardi qalilha li huwa elimina dan il-pajp billi qabbad is-*supply* ma' *hosepipe* aħdar. Imbagħad, qalilha wkoll li sab li wieħed mill-*meters* tal-ilma tal-*ground floor* kien qiegħed iqattar u waqqfu billi għamillu *clamp*.

Farrugia rrakkuntat li f'April 2017 kien seħħ inċident separat iżda bl-istess dinamika. Hija qalet li f'dik l-okkażjoni, tat parir lil Grace Azzopardi sabiex tikseb assigurazzjoni adekwata biex tkopri inċidenti ta' ħsarat lil terzi. Farrugia għalqet l-affidavit tagħha billi spjegat il-konteġġi li wasslu għall-ammont mitlub mill-atturi f'din il-kawża.

Sar affidavit anki minn Jessica Micallef, li hija *senior broker* fi ħdan Thomas Smith Insurance Brokers Limited. Hija spjegat li fl-14 ta' Frar 2018, is-soċjetà assigurata nfurmat lil Thomas Smith Insurance Brokers Limited bl-inċident. Fl-affidavit tagħha, Micallef spjegat x'informazzjoni kienet ingħatat mis-soċjetà assigurata. Imbagħad, żiedet li fl-20 ta' Frar 2018 hija kienet marret fuq il-post mas-*surveyor*, Odette Farrugia, u rat b'għajnejha s-sinjali ta' tixrib fil-ħanut u d-drappijiet li ġarrbu l-ħsara. Qalet ukoll li kienu daħlu fil-fond sovrastanti u ltaqgħu mal-konvenuta. Qalet li fil-fond sovrastanti kienu qed isiru ħafna xogħlijiet u kien hemm ħafna pajpijiet tal-ilma, *wires* mikxufin u għaddejjin ma' kullimkien.

In kontro-eżami, Naomi Portelli kkonfermat li hija la marret fil-ħanut fejn seħħew il-ħsarat u lanqas fil-fond tal-konvenuta. Hija ma rat ebda ħsarat jew danni. B'referenza għad-dokument NP1 (fol. 36), Portelli kkonfermat li dak kien l-ewwel komunikazzjoni li saritilha dwar il-*claim* mertu ta' din il-kawża. Portelli spjegat, iżda, li l-ammont ta' madwar ħamest elef Ewro kien jappartjeni lil inċident separat li seħħ fl-2017, u mhux l-inċident mertu ta' din il-kawża.

In kontro-eżami, Odette Farrugia, meta mistoqsija jekk l-allegati ħsarat sarux minn xi ilma, wieġbet fl-affermattiv. Meta mistoqsija jekk kinitx perit, hija wieġbet fin-negattiv. Meta ntalbet tispjega kif irriżultalha li l-ilma daħal fil-ħanut ta' Alamango Bridal Limited, hija qalet li parti minn xogħolha kien li tistabbilixxi għaliex saret il-ħsara. L-investigazzjoni tagħha kellha turi li kien hemm xi ilma ġej minn xi post li mhux suppost kien dieħel. Hija rat ilma nieżel mal-ħajt. Billi l-ilma jinżel 'l isfel, hija kkonkludiet li wieħed kellu jitla' fil-fond sovrastanti. Hija qalet li l-ħajt kien mgħotti b'*cushions* li magħhom jiġu mqabbda d-drappijiet. Wara l-*cushions* ikun hemm *boards* tal-injam li f'dan il-każ, kienu mxarrbin. Id-drappijiet li kienu jistrieħu mal-*boards* kienu mxarrbin ukoll. Iżda la s-saqaf u lanqas is-soffitt ma kienu mxarrbin.

Farrugia kompliet tgħid li l-konvenuta tatha permess tidħol għandha u hija rat pajp li nzerta fi trinka miftuħa fl-ewwel sular. Il-pajp kien fl-*area* li tiġi eżatt mal-ħajt li kienet qed tara hija fil-ħanut, u għalhekk skontha n-ness kien faċli li wieħed jasal għalih.

Farrugia qalet li hija marret fuq il-post sitt ijiem wara li daħlet il-*claim* u għalhekk jista' ikun li l-ilma jkun nixef. Hija qalet li kien hemm tiswija fil-pajp, u dak għaliha kien sinjal li "*kien hemm xi ħaġa*". Hija qalet li waslet għall-konklużjonijiet tagħha għax kien hemm pajp imsewwi u l-ħsara kienet tidher li ġejja minn hemm. Qalet ukoll li fil-fond tal-konvenuta ma ratx ilma ħiereġ u lanqas sinjali ta' tixrib. Iżda kien possibbli li l-ħitan tal-fond tal-konvenuta xxarrbu u laħqu nixfu sakemm Farrugia waslet fuq il-post. Hija qalet li l-pajp inkwistjoni kien dak fir-ritratt a fol. 49. Farrugia mbagħad spjegat il-ħsarat fid-drappijiet.

Aktar tard fil-kontro-eżami, meta mistoqsija jekk il-fond tal-konvenut kellux sistema ta' ilma installata, ix-xhud qalet li hi ma fetħet ebda vit. Hija qalet li jekk kienu qed isiru x-xogħlijiet fil-post li fih ma jorqod ħadd, ifisser li biex daħal l-ilma fil-fond sottostanti, bilfors li l-ilma tħalla miftuħ. Hija tenniet li ma kinitx iċċekkjat jekk kienx hemm ilma f'dak il-livell.

In ri-eżami, Farrugia qalet li hija kienet kellmet lill-konvenuta u lil binha. Mark Azzopardi qalilha li l-ilma kien qiegħed jingħalaq. Hija ma kellhiex mezz biex tivverifika jekk kienx qiegħed jingħalaq jew le u kellha toqgħod fuq li qalulha. Imbagħad żiedet tgħid li jekk l-ilma kien qiegħed jingħalaq, suppost li l-inċident ma seħħx.

Farrugia qalet li Mark Azzopardi qalilha (fuq it-telefon) li meta kienu ċemplulu biex jagħlaq l-ilma, hu sab li l-ilma kien ħiereġ minn dak il-pajp meta mar fuq il-post. In suċċint, Farrugia qalet li ladarba Mark Azzopardi qalilha li kellu bżonn l-ilma fuq il-bejt tant li għamel *hosepipe* li jagħti għall-bejt, dak kien ifisser li l-ilma kien għadu għaddej. Hija kkonferma li r-ritratti minn fol. 38 sa fol 58 kienet ħadithom hi.

Il-konvenuta ppreżentat affidavit li fih qalet li fi Frar 2018, għalkemm kien hemm pajpijiet f'posthom, ma kellhomx ilma għaddej minnhom. Hija ppreżentat kontijiet tad-dawl u l-ilma li jindikaw il-konsum tal-ilma għal kull appartament (għax il-fond tal-konvenuta jikkonsisti fi tlett appartamenti, kollha sovrastanti l-ħanut ta' Alamango Bridal Limited) qalet li billi l-ammont dovut għall-użu ta' ilma kien negliġibbli, ma setax ikun li l-ilma kien ġej minn għandha.

Mark Azzopardi (jew Camilleri), qal fl-affidavit tiegħu li l-*water leakage* qatt ma seta' seħħ għaliex skontu, is-sistema tal-ilma fi Frar 2018 kienet skomunikata kompletament. Qal li fi ftit kliem, fi Frar 2018 ma kienx hemm ilma.

Il-konvenuta xehdet in kontro-eżami u qalet li kienet qed issir rinovazzjoni tal-fond tagħha, li jikkonsisti fi tlett appartamenti li kienu ser isiru *hostel*. Ix-xogħlijiet bdew fl-aħħar tas-sena 2016 jew għall-bidu tas-sena 2017. Hija kienet tmur hemm kultant. Hija ċaħdet li ma kienx hemm ilma. Qalet li kien hemm ilma fis-sens li kienet taħsel idejha jew timla barmil, iżda qalet li l-użu tal-ilma kien negliġibbli. Hija kkonfermat li fiż-żmien relattiv ma kienx hemm nies jgħixu fil-fond. Hija

ftakret li kellmet lil Odette Farrugia iżda ċaħdet li wrietha xi *leak*. Qalet li hija ma marritx fil-ħanut ta' Alamango Bridal Limited biex tara xi ħsarat kien hemm. Hija qalet li ma kinitx taf li eventwalment tpoġġa pajp itwal u lanqas kienet taf li l-*meter* kien qiegħed iqattar. Qalet li ma kinitx taf kienx hemm okkażjonijiet oħrajn meta seta' daħal l-ilma għand Alamango Bridal Limited.

In ri-eżami, hija qalet li l-pajp li kien hemm kien imqabbad mal-*main* fil-*ground floor*.

In kontro-eżami, iben il-konvenuta qal li kien *nurse* u qabbad lill-ħaddiema jaħdmu fil-fond relattiv f'isem ommu. Qal li sikwit kien ikun fuq il-post. Qal ukoll li fl-2018, kien hemm provvista tal-ilma isfel, mal-*meter* biss. Huwa ċaħad li l-*meter* tal-ilma kien iqattar u ċaħad ukoll li kien hemm pajp li minn isfel jitla' sa fuq il-bejt. Qal li mar fil-ħanut ta' Alamango Bridal Limited iżda ma rax ilma.

## **Konsiderazzjonijiet**

### ***a. L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni***

Ġiet eċċepita l-preskrizzjoni *ai termini* tal-Art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jgħid li l-azzjoni għall-ħlas ta' ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn.

Il-partijiet jaqblu li s-sinistru mertu ta' din il-kawża seħħ fl-14 ta' Frar 2018. Għalhekk, il-kawża kellha ssir mhux aktar tard mill-14 ta' Frar 2020.

Din il-kawża nfetħet fit-8 ta' Ottubru 2019 u l-konvenuta ġiet innotifikata permezz tal-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern. Jirriżulta mill-atti li l-affissjonijiet saru fit-13 ta' Ottubru 2020 filwaqt li l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern saret fl-20 ta' Ottubru 2020.

Il-konvenuta tinvoka l-Art. 2130(1) tal-Kodiċi Ċivili u tgħid li ladarba n-notifika ma saritx qabel l-14 ta' Marzu 2020, il-kawża kellha titqies preskritta. It-Tribunal ma jaqbilx ma' dan l-argument u josserva li l-Qorti tal-Appell (Superjuri), fis-sentenza tagħha fl-ismijiet ***Francis Manduca Azzopardi pro et noe vs. Pauline Cassar Galea et*** (deċiża fit-28 ta' April 2021) qalet:

"*Kif ġie stabbilit minn din il-Qorti fl-1 ta' April 2005 fil-kawża fl-ismijiet Perit Joseph Sultana vs Ronald Gaerty, filwaqt li ittra uffiċjali teħtieġ li tiġi notifikata sabiex isseħħ interruzzjoni tal-preskrizzjoni, meta ssir l-azzjoni nnifisha, il-preżentata tal-att ġudizzjarju innifsu jinterrompi l-preskrizzjoni mingħajr il-ħtieġa ta' notifika.*"

Billi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-konvenuta tistrieħ fuq l-argument tagħha rigwardanti n-notifika u fuq l-invokazzjoni tal-Art. 2130(1) in sostenn tal-istess, ladarba dan l-argument issa waqa', l-eċċezzjoni ma treġix.

Għalhekk, it-Tribunal jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta.

### b. ***Il-mertu***

M'hemmx għalfejn isir eżami approfondit tal-provi sabiex wieħed jikkonvinċi ruħu li l-ħanut ġestit minn Alamango Bridal Limited verament sofra minn dħul ta' ilma bir-riżultat li d-drappijiet maħżuna fih sofrew il-ħsara.

*Si tratta* ta' ħtija akwiljana, teżisti każistika kopjuża li essenzjalment tgħid li jinkombi fuq min jallega li jġib prova tan-ness bejn id-dannu minnha soffert u l-aġir tal-konvenuta.

Il-punt li l-partijiet ma jaqblux dwaru huwa jekk l-ilma relattiv kienx joriġina mill-fond tal-konvenuta.

In suċċint, it-Tribunal josserva li ladarba l-atturi rnexxielhom jippruvaw li l-ħanut relattiv sofra minn ingress ta' ilma u konsegwentement saret ħsara fid-drappijiet, l-oneru tal-prova ma jibqax kompletament fuqhom, anzi joxxilla b'mod li jibda jinkombi fuq il-konvenuta li ġġib prova li d-dannu soffert ma kienx ħtija tagħha.

Il-konvenuta b'ebda mod ma kkontestat (tramite provi ppreżentati) li l-ħanut relattiv sofra minn ingress ta' ilma u li saru ħsarat fid-drappijiet. Tant dan ma kienx ikkontestat li hija saħansitra rtirat l-eċċezzjoni rigwardanti l-kontestazzjoni tal-*quantum*.

Fil-fehma tat-Tribunal, ladarba l-konvenuta ma kkontestatx li daħal l-ilma, ma kienx biżżejjed għaliha li tgħid li l-ilma ma ġiex mingħandha. Kellha almenu tagħti spjegazzjoni alternattiva minn fejn seta' kien ġej l-ilma. Minflok, hija llimitat ruħha b'mod li nsistiet li ma kienx ġej mingħandha. F'sitwazzjoni bħal din, it-Tribunal għandu quddiemu provi ċari li kien hemm xi ilma li daħal fil-ħanut u kkawża ħsarat u mbagħad, fuq in-naħa l-oħra, hemm l-insistenza tal-konvenuta li l-ilma ma ġiex mingħandha. Id-domanda hija ovvja. Jekk mhux mingħand il-konvenuta, mingħand min jew minn fejn kien ġej l-ilma? Il-konvenuta ma pprovdiet ebda spjegazzjoni alternattiva.

It-Tribunal qiegħed isejjes din l-argumentazzjoni fuq l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Tonna vs. Philip Azzopardi*** (deċiża fit-12 ta' April 2007), li fiha ntqal, *inter alia*, li ladarba jidher li t-teżi tal-atturi hija sostnuta, imqar *prima facie,* ikun jinkombi fuq il-konvenuta li tipprova l-kuntrarju. Huwa ċar li l-konvenuta ma rnexxilhiex iġġib prova li mhuwiex minnu li d-drappijiet fil-ħanut inkwistjoni ma ġewx iddanneġġjati minn perkolazzjoni ta' ilma.

It-Tribunal josserva li kien biss fi stadju pjuttost tard tal-kawża li huwa sar jaf li l-fond tal-konvenuta ma kienx *maisonette* ta' sular wieħed jew appartament, iżda fil-fatt tlett appartamenti f'daqqa. Il-konvenuta ppreżentat (fol. 116 sa 118) tlett kontijiet tad-dawl u l-ilma li jindikaw (skontha) li bejn l-1 ta' Frar 2018 u s-6 ta' April 2018 seħħ biss konsum minimu ta' ilma fi Flats 1, 2 u 3.

Id-dokumenti GA1 u GA2 (fol. 116 u 117) jindikaw li fil-perjodu inkwistjoni, Flat 1 uża tlett metri kubi (3 $m^3$) ta' ilma u Flat 2 uża metru kubu wieħed (1 $m^3$) ta' ilma. L-atturi korrettement osservaw fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom li metru kubu wieħed ta' ilma jammonta għal elf litru. Għalhekk, mhuwiex minnu li l-użu tal-ilma kien negliġibbli. B'kollox, Flat 1 u Flat 2 (it-tnejn formanti parti mill-fond tal-konvenuta) użaw erbat elef litru ta' ilma.

Dan jikkontradixxi x-xhieda tal-konvenuta stess, li qalet li ma kien għaddej ebda ilma mill-pajpijiet. Oltre dan, il-konvenuta tikkontradixxi lilha nnifisha fis-sens li għalkemm in eżami hija qalet li ma kien hemm ebda ilma fil-pajpijiet, in kontro-eżami qalet li kienet tuża l-ilma minimament biex taħsel idejha jew timla xi barmil fl-okkażjonijiet li kienet tmur fuq il-post. Ma jistax ikun li ż-żewġ verżjonijiet huma veritieri.

It-Tribunal itenni li anki jekk għall-grazzja tal-argument huwa kellu jemmen li ma kienx hemm ilma fil-pajpijiet, dan xorta waħda ma jispjegax minn fejn, allura, ġie l-ilma li spiċċa fil-ħanut ta' Alamango Bridal Limited. Mill-provi ma jirriżultax li seta' kien hemm xi sors ieħor tal-ilma li minnu seta' daħal l-ilma fil-ħanut.

Għal dawn ir-raġunijiet, it-Tribunal isib li t-talbiet tal-atturi huma ben spjegati u ppruvati u fuq bilanċ ta' probabilitajiet, jiddeċiedi li jilqa' it-talbiet tal-atturi *in toto*.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jastjeni milli jieħu konjizzjoni tar-raba' eċċezzjoni tal-konvenuta (għal raġunijiet diġà spjegati), jiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, u jilqa' it-talbiet tal-atturi u konsegwentement jordna li l-konvenuta tħallas lill-atturi s-somma ta' tlett elef u tlett mija u ħmistax-il Ewro u ċenteżmu (€3,315.01) bl-imgħax kif mitlub fl-Avviż tat-Talba, iżda liema mgħax għandu jiġi kkalkulat b'rata mhux ogħla mir-rata massima li tippermetti l-liġi.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**